IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.4.2021
COM(2021) 212 final

2021/0109 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2020/005 BE/Swissport

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006[1] (ir-"Regolament tal-FEG")[2].

2. Fit-22 ta' Diċembru 2020, il-Belġju ssottometta applikazzjoni EGF/2020/005/BE/Swissport għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara li ngħataw is-sensji[3] fi Swissport Belgium[4] fil-Belġju.

3. Wara li vvalutat din l-applikazzjoni, b'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament tal-FEG, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2020/005 BE/Swissport
Stat Membru	Il-Belġju
Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni	22 ta' Diċembru 2020
Data tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	22 ta' Diċembru 2020
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	5 ta' Jannar 2021
Skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	16 ta' Frar 2021
Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	11 ta' Mejju 2021
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG
Intrapriża primarja	Swissport Belgium
L-għadd ta' intrapriżi kkonċernati	1
Is-settur(i) tal-attività ekonomika (Diviżjoni NACE Reviżjoni 2)[5]	Diviżjoni 52 (Ħażna u attivitajiet ta' appoġġ għat-trasport) Diviżjoni 81 (Attivitajiet ta' servizzi għal binjiet u għall-pajsaġġi)[6]
Perjodu ta' referenza (erba' xhur):	9 ta' Ġunju 2020 – 9 ta' Ottubru 2020
L-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza	1 468

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.
[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 huwa applikabbli għall-applikazzjonijiet kollha li waslu sal-31 ta' Diċembru 2020.
[3] Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEG.
[4] Swissport Belgium huwa magħmul minn Swissport Belgium NV u minn Swissport Belgium Cleaning NV.
[5] ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.
[6] L-attivitajiet tat-tindif jaqgħu taħt il-grupp 81.2 tan-NACE Reviżjoni 2

(*a*)	
L-għadd ta’ sensji qabel jew wara l-perjodu ta’ referenza (*b*)	0
L-għadd totali ta’ sensji (*a* + *b*)	1 468
L-għadd totali ta’ benefiċjarji eliġibbli	1 468
L-għadd totali ta’ benefiċjarji fil-mira	1 468
Baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	5 977 108
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG[7] (EUR)	221 600
Baġit totali (EUR)	6 198 708
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	3 719 224

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. Fit-22 ta’ Diċembru 2020, il-Belġju ssottometta l-applikazzjoni EGF/2020/005 BE/Swissport fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta’ intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG. Il-Kummissjoni kkonfermat il-wasla tal-applikazzjoni fl-istess data u talbet informazzjoni addizzjonali mingħand il-Belġju fil-5 ta’ Jannar 2021. Tali informazzjoni addizzjonali ngħatat fi żmien sitt ġimgħat mit-talba. L-iskadenza ta’ 12-il ġimgħa minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta, u li tulhom il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta’ kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fil-11 ta’ Mejju 2021.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Intrapriżi u benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni hija relatata ma’ 1 468 ħaddiem li ngħataw is-sensja minn Swissport Belgium. Is-sensji jikkonċernaw lill-Belġju kollu.

6. Il-Belġju ssottometta l-applikazzjoni skont il-kriterji ta’ intervent tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG, li jirrikjedu li mill-inqas 500 ħaddiem jkunu ngħataw is-sensja fuq perjodu ta’ referenza ta’ erba’ xhur f’intrapriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema li ngħataw is-sensja mill-fornituri u mill-produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet.

7. Il-perjodu ta’ referenza ta’ erba’ xhur għall-applikazzjoni jibda mid-9 ta’ Ġunju 2020 sad-9 ta’ Ottubru 2020.

8. Kien hemm 1 468 ħaddiema li ngħataw is-sensja minn Swissport Belgium matul il-perjodu ta’ referenza.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

9. Is-sensji kollha li ngħataw tul il-perjodu ta’ referenza ġew ikkalkulati mid-data tan-notifika individwali ta’ min iħaddem ta’ waqfien mix-xogħol jew ta’ tmiem il-kuntratt tax-xogħol tal-ħaddiem.

Benefiċjarji eliġibbli

10. L-għadd totali ta’ benefiċjarji eliġibbli huwa ta’ 1 468.

[7] F’konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

Rabta bejn is-sensji u kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

11. Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ddikjarat it-tifqigħa tal-COVID-19 bħala pandemija. Fis-27 ta' Mejju 2020, fil-komunikazzjoni tagħha, *"Il-bażit tal-UE jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa"*[8], il-Kummissjoni Ewropea ddikjarat li l-pandemija wasslet għall-kriżi ekonomika u stabbiliet pjan ta' rkupru għall-ekonomija. Dan jippermetti lill-FEG jgħin lin-nies li tilfu l-impjiegi tagħhom minħabba kriżi finanzjarja u ekonomika globali bħala għodda ta' emerġenza reattiva.

12. Il-pandemija kkawżat l-akbar reċessjoni fl-istorja tal-UE fl-ewwel nofs tal-2020. Skont it-Tbassir Ekonomiku Ewropew (Interim) tax-Xitwa 2021 tal-Kummissjoni[9], il-PDG tal-UE kien mistenni li jonqos b'madwar 6,3 % fl-2020, u li jirkupra bi 3,7 % fl-2021 u bi 3,9 % fl-2022.

13. Sabiex titrażżan il-pandemija tal-COVID-19, il-Belġju daħal f'lockdown fit-18 ta' Marzu 2020. L-impatt kien wieħed immedjat għall-operaturi tal-ajru u għall-intrapriżi li joperaw fl-Ajruport ta' Brussell. Fl-ewwel ġimgħa tal-lockdown (16-22 ta' Marzu), l-għadd ta' titjiriet f'dan l-ajruport naqas għal 578 biss, nuqqas ta 58 % minn Jannar 2020. Matul il-ġimgħat ta' wara, il-movimenti tal-ajruplani tal-passiġġieri fl-ajruport waqfu kważi għalkollox, għajr għal għadd limitat ta' titjiriet ta' ripatrijazzjoni, ta' emerġenza medika jew diplomatiċi.

14. Fl-2020, it-traffiku internazzjonali tal-passiġġieri naqas b'mod kumplessiv b'60 % meta mqabbel mal-2019 (minn 4,5 biljun passiġġier għal 1,8 biljun) u 50 % ta' inġenji tal-ajru globali tqiegħdu għall-ħżin[10].

15. Fir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19[11], il-Kummissjoni kkonfermat li s-servizzi fuq l-art intlaqtu b'mod serju u hemm riskju reali li jistgħu jseħħu aktar fallimenti fost il-fornituri tas-servizzi fuq l-art matul l-2021.

16. Swissport Belgium, wieħed miż-żewġ ground handlers tal-ajruport, kien responsabbli għal 60 % tas-servizzi fuq l-art u tat-tindif fl-ajruport. Meta faqqgħet il-pandemija, Swissport Belgium kien qed jimplimenta pjan ta' rkupru b'suċċess: fir-raba' trimestru tal-2019, id-dħul totali żied b'5,8 % meta mqabbel mar-raba' trimestru tal-2018. Fil-laqgħa tal-bord tiegħu fl-20 ta' Frar 2020, Swissport ippreżenta tbassir ta' dħul ta' EUR 4,5 miljun ta' telf għall-2020, li jirrappreżenta 37 % tnaqqis fit-telf meta mqabbel mal-2019.

17. Madankollu, sa Mejju tal-2020, kien ċar li se jieħu żmien twil għat-trasport bl-ajru u għall-attivitajiet tal-ajruport biex jirritornaw għan-normal. Swissport Belgium, abbażi tat-tbassir tal-klijenti tiegħu, stima li sal-aħħar tal-2020, l-attività tiegħu se tkun madwar 40 % ta' kif kienet qabel il-pandemija, u x'aktarx mhux aktar minn 70-80 %, fl-2021[12]. Fin-nuqqas ta' likwidità wara tliet xhur ta' inattività, Swissport iddikjara falliment. Il-Qorti ta' Brussell iddikjarat l-intrapriża falluta fid-9 ta' Ġunju 2020,

---

8 Il-bażit tal-UE jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa, COM(2020) 442 final.

9 It-Tbassir Ekonomiku Ewropew (Interim) tax-Xitwa 2021: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/economy-finance/ecfin_forecast_winter_2021_overview_en.pdf

10 ICAO. https://www.icao.int/Newsroom/Pages/2020-passenger-totals-drop-60-percent-as-COVID19-assault-on-international-mobility-continues.aspx

11 COM(2020) 714

12 https://plus.lesoir.be/301092/article/2020-05-15/update-swissport-nannonce-pas-encore-de-licenciements-un-plan-attendu-pour-fin

ġimgħa qabel ma kien skedat li jitniedu mill-ġdid it-titjiriet Ewropej fl-Ajruport ta' Brussell, b'60 destinazzjoni moqdija minn 20 linji tal-ajru[13].

18. Aviapartner Belgium, il-ground handler l-ieħor tal-ajruport, kien ukoll f'diffikultà kbira u nieqes mil-likwidità minħabba n-nuqqas ta' attività kkawżata mill-pandemija; id-dħul tiegħu naqas b'95 % meta mqabbel mad-dħul ta' qabel il-pandemija. Biex jevita l-falliment tal-Aviapartner, u jħalli l-ajruport mingħajr ground handler, il-Kunsill tal-Ministri Belġjan, tmint ijiem wara l-falliment ta' Swissport Belgium, tawh self konvertibbli sa EUR 25 miljun permezz tas-Soċjetà Federali tal-Parteċipazzjoni u l-Investiment (SFPI-FPIM)[14]. Mingħajr ground handlers, it-titjiriet tal-passiġġieri u tal-merkanzija ma jkunux jistgħu jitilqu mill-ajruport jew jinżlu fih. Is-self żgura l-vijabbiltà ta' Aviapartner, biex l-operazzjonijiet fl-ajruport ikunu jistgħu jerġgħu jibdew wara l-lockdown.

19. Sal-lum, il-ħażna u l-attivitajiet ta' appoġġ għas-settur tat-trasport kien soġġett, flimkien ma' setturi oħra, għall-applikazzjoni tal-FEG multisettorjali waħda[15], abbażi tal-kriżi ekonomika li rriżultat mill-pandemija tal-COVID-19.

Avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien tal-attività

20. Fid-9 ta' Ġunju 2020, wara ġimgħat li s-servizzi fuq l-art kienu kważi ineżistenti fl-ajruport, Swissport Belgium ġiet iddikjarata falluta. Barra minn hekk, minħabba l-inċertezza kbira dwar l-irkupru fuq terminu qasir tas-settur tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru, l-ebda intrapriża ma wriet interess li tieħu l-attivitajiet fuq l-art ta' Swissport Belgium[16]. Dawn iż-żewġ avvenimenti relatati kkawżaw is-sensji li għalihom qiegħda titressaq din l-applikazzjoni.

Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi

21. Skont il-Kamra tal-Kummerċ ta' Brussell u l-organizzazzjoni ta' min iħaddem Fjamminga Voka[17], l-ajruport ta' Brussell huwa responsabbli minn 24 000 impjieg dirett u minn 40 000 impjieg indirett.

22. Is-sensji ta' Swissport Belgium jaffettwaw lill-ħaddiema li jgħixu fil-pajjiż kollu: Brussell (29 %), Flanders (52 %) u Wallonia (19 %).

23. Sa Ottubru 2020, minkejja li hemm skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar fis-seħħ, ir-rata nazzjonali tal-qgħad żdiedet b'1,3 punti perċentwali għal 6,4 % minn Ottubru 2019[18]. Ġewwa Flanders, fejn jinsab l-ajruport ta' Brussell, il-qgħad żdied b'punt perċentwal wieħed għal 4,4 % sa Ottubru 2020, meta mqabbel ma' Ottubru 2019. F'Wallonia, ir-rata tal-qgħad fost l-irġiel kienet ta' 8,3 % fit-tielet trimestru tal-2020, kważi żewġ punti perċentwali ogħla mill-medja nazzjonali għal dan il-grupp. L-għeluq immedjat ta' ċerti setturi ewlenin (catering, turiżmu, kultura, eċċ.) ħasad b'mod partikolari s-

13 https://www.rtl.be/info/belgique/economie/swissport-belgique-se-declare-en-faillite-pres-de-1-500-emplois-menaces-1223551.aspx

14 Société fédérale de participations et d'investissement Société - Federale Participatie en Investeringsmaatschappij (SFPI-FPIM).

15 FEG/2020/002 EE/Estonia Tourism, COM(2021) 151.

16 https://www.lalibre.be/economie/entreprises-startup/swissport-pas-de-reprise-pour-swissport-1-500-personnes-licenciees-5ee0e3137b50a66a594588f6

17 https://www.beci.be/nl/toekomst-van-brussels-airport-verzekeren-als-internationale-motor-van-onze-economie/

18 https://statbel.fgov.be/fr/themes/emploi-formation/marche-du-travail/emploi-et-chomage#figures

suq tax-xogħol ta' Brussell, iż-żieda fil-qgħad għal 15 % (+2 pp bidla sena wara sena) fit-tielet trimestru tal-2020[19].

24. Minħabba ż-żieda fil-qgħad, l-awtoritajiet Belġjani jibżgħu li l-impjieg mill-ġdid se jkun saħansitra aktar diffiċli għall-ħaddiema minn gruppi żvantaġġati. Proporzjon kbir tal-forza tax-xogħol ta' qabel ta' Swissport huma f'din il-kategorija, għaliex ħafna minnhom huma ħaddiema b'ħiliet baxxi u b'ħiliet medji u madwar terz (32,5 %) għandhom aktar minn 50 sena. Dan il-grupp ta' ħaddiema jeħtieġ gwida u appoġġ addizzjonali għat-tfittix ta impjieg, flimkien mat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid imfassal għall-ħtiġijiet tagħhom, biex iżidu l-possibilitajiet tagħhom għall-impjieg mill-ġdid.

Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti

Benefiċjarji fil-mira

25. Il-ħaddiema kollha ssensjati huma mistennija li jipparteċipaw fil-miżuri. It-tqassim ta' dawn il-ħaddiema skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età huwa kif ġej:

Kategorija		L-għadd ta' benefiċjarji fil-mira	
Sess:	Irġiel:	1 086	(73,98 %)
	Nisa:	382	(26,02 %)
Ċittadinanza:	Ċittadini tal-UE:	1 400	(95,37 %)
	ċittadini mhux tal-UE:	68	(4,63 %)
Grupp ta' età:	15-24 sena:	83	(5,65 %)
	25-29 sena:	184	(12,53 %)
	30-54 sena:	1 001	(68,19 %)
	55-64 sena:	199	(13,56 %)
	iktar minn 64 sena:	1	(0,07 %)

Eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

26. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema ssensjati jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin:

– Informazzjoni, għajnuna għat-tfittix ta' impjieg u gwida vokazzjonali. Flimkien ma' informazzjoni ġenerali u individwali dwar il-miżuri, dan se jinkludi t-tfassil ta' profil tal-ħaddiema, l-għajnuna għar-rikollokament, gwida orjentata lejn impjiegi attivi u medjazzjoni tal-impjiegi. Se jiġu organizzati wkoll fieri tal-impjiegi.

– Taħriġ. Se jiġi offrut taħriġ speċifiku biex jaqdi għall-ħtiġijiet tal-ħaddiema. Dan se jinkludi taħriġ orizzontali bħal-lingwa barranija u l-ICT, taħriġ vokazzjonali fil-ħiliet meħtieġa fis-servizzi tal-ajruport jew fis-setturi b'nuqqas ta' ħiliet.

[19] https://statbel.fgov.be/fr/themes/emploi-formation/marche-du-travail/emploi-et-chomage

– Taħriġ fuq il-post tax-xogħol. Dan se jiġi offrut għall-postijiet battala li ma jkollhomx biżżejjed kandidati xierqa. Wara li jlesti t-taħriġ b'suċċess, il-ħaddiem inkwistjoni jiġi offrut kuntratt tax-xogħol.

– Appoġġ biex jinħoloq negozju. Bl-għan li jiġu żviluppati negozji vijabbli jew proġetti ta' impjiegi indipendenti, il-ħaddiema interessati li jsiru ħaddiema għal rashom se jirċievu l-appoġġ ta' organizzazzjonijiet reġjonali. Dan jista' jkopri l-ippjanar, it-twettiq ta' studji tal-fattibbiltà, it-tħejjija ta' pjanijiet tan-negozju, jgħin biex jidentifika l-possibilitajiet finanzjarji, eċċ.

– Kontribuzzjoni biex jinfetaħ negozju. Il-ħaddiema li jibdew negozju jew attività bħala persuni li jaħdmu għal rashom se jirċievu kontribuzzjoni sa EUR 15 000.

– Inċentivi u allowances. (1) **Allowances għat-tfittix ta' impjieg u għat-taħriġ**. Il-ħaddiema se jirċievu EUR 1 fis-siegħa għall-parteċipazzjoni effettiva fit-taħriġ jew fl-attivitajiet għat-tfittix ta' impjieg. (2) **Kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn ix-xogħol u lura**. Sabiex tiġi mħeġġa l-mobilità reġjonali u interreġjonali, il-ħaddiema li jsibu xogħol li jkun aktar minn 60 km 'il bogħod minn darhom, jew li jkun f'distanza li tinvolvi aktar minn erba' sigħat ta' ħin ta' vjaġġar lejn ix-xogħol u lura, se jirċievu somma sħiħa ta' EUR 500 jekk jivvjaġġaw lejn ix-xogħol u lura bit-trasport privat u EUR 750 jekk jivvjaġġaw lejn ix-xogħol u lura bit-trasport pubbliku. (3) **Bonus għat-tixjin tal-isterjotipi tal-ġeneri**. Il-ħaddiema tal-ġeneru li huwa l-inqas irrappreżentat li jagħżlu taħriġ vokazzjonali għall-impjiegi li l-ġeneri tagħhom huma żbilanċjati b'mod sinifikanti[20] se jirċievu bonus ta' EUR 700 mħallsa f'żewġ pagamenti parzjali, wieħed fil-bidu u l-ieħor fl-aħħar tat-taħriġ. (4) **Allowance għall-ħolqien ta' negozju**. Il-ħaddiema se jirċievu kontribuzzjoni fix-xahar ta' EUR 350, għal massimu ta' 12-il xahar, filwaqt li jħejju biex jibdew in-negozju tagħhom stess. Biex jiġi appoġġat il-ħaddiem għal rasu ġdid fl-ewwel ftit xhur tal-attività, se tkun disponibbli kontribuzzjoni ta' EUR 200, għal massimu ta' ħames xhur. (5)**Allowance għar-ritorn lejn l-iskola**. Se tingħata allowance ta' EUR 350 fix-xahar lill-ħaddiema li jibdew studji terzjarji full-time għal mill-inqas sena, jew taħriġ ta' kwalifika għal mill-inqas tliet xhur biex iġibu l-ħiliet meħtieġa għall-impjiegi li jkun hemm domanda għalihom u li għalihom huwa diffiċli li jinstabu persuni, li jkunu marbuta ma' funzjonijiet kritiċi[21], eċċ.

27. Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għall-iżvilupp ta' kunċett ta' iġjene sanitarja sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' miżuri.

28. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk, jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux il-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

29. Il-Belġju pprovda l-informazzjoni meħtieġa dwar l-azzjonijiet li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex se tissostitwixxi azzjonijiet bħal dawn.

---

20 Impjiegi b'mill-inqas 75 % tal-ħaddiema li jappartjenu għall-istess ġeneru.

21 List of jobs in demand and difficult to be covered or linked to critical functions. « *Métiers en tension de recrutement en Wallonie. Liste des métiers/fonctions critiques et en pénurie* ». Le Forem 2020.

Bażit stmat

30. L-istima tal-kostijiet totali hija ta' EUR 6 198 708, li jinkludu nefqa ta' EUR 5 977 108 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 221 600 għal attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rappurtar.

31. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba biex tingħata mill-FEG hija ta' EUR 3 719 224 (60 % tal-kostijiet totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' parteċipanti	Stima tal-kostijiet għal kull parteċipant (EUR)[22]	L-istima tal-kostijiet totali (EUR)[23]
Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)			
Informazzjoni, għajnuna għat-tfittix ta' impjieg u gwida vokazzjonali	1 468	2 230	3 273 787
Taħriġ, taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali	610	3 534	2 155 437
Taħriġ fuq il-post tax-xogħol	10	1 440	14 396
Appoġġ għall-ħolqien ta' negozju	70	2 000	139 988
Kontribuzzjoni għall-ftuħ ta' negozji	12	10 000	120 000
Subtotal (a): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati	–		5 703 608 (95,42 %)
Allowances u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
Inċentivi u allowances	367	745	273 500
Subtotal (b): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:	–		273 500 (4,58 %)
Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG			
1. Attivitajiet ta' tħejjija	–		6 000
2. Ġestjoni	–		52 420
3. Tagħrif u pubbliċità	–		55 000
4. Kontroll u rappurtaġġ	–		108 180

[22] Biex jiġu evitati d-deċimali, l-istima tal-kostijiet għal kull ħaddiem ġiet arrotondata. Madankollu, l-arrotondament m'għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura li tibqa' bħal m'hemm fl-applikazzjoni sottomessa mill-Belġju.

[23] It-totali ma jaqblux minħabba arrotondament.

Subtotal (ċ): Perċentwal tal-kostijiet totali:	–	221 600 (3,57 %)
Kostijiet totali (a + b + ċ):	–	6 198 708
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-kostijiet totali)	–	3 719 224

32. L-ispejjeż tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-ispejjeż totali għall-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati. Il-Belġju kkonferma li dawn l-azzjonijiet jiddependu fuq il-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg jew ta' taħriġ.

33. Il-Belġju kkonferma li l-kostijiet tal-investimenti għal dawk li jaħdmu għal rashom, il-bidu ta' negozju u t-teħid ta' kontroll mill-impjegati mhumiex se jaqbżu l-EUR 15 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

34. Il-Belġju beda jipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fid-9 ta' Ġunju 2020. Għaldaqstant, in-nefqa fuq dawn l-azzjonijiet se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mid-9 ta' Ġunju 2020 sat-22 ta' Diċembru 2022.

35. Il-Belġju beda jġarrab in-nefqa amministrattiva biex jimplimenta l-FEG fl-10 ta' Ġunju 2020. Għalhekk, in-nefqa għal attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rappurtar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-10 ta' Ġunju 2020 sat-22 ta' Ġunju 2023.

Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

36. Is-sorsi ta' prefinanzjament jew kofinanzjament nazzjonali huma fondi ta' Région de Bruxelles-Capitale/Brussels Hoofdstedelijk Gewest, Vlaams Gewest u Région Wallonne.

37. Il-Belġju kkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

Proċeduri biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali

38. Il-Belġju indika li l-pakkett koordinat tas-servizzi personalizzati sar f'konsultazzjoni mar-rappreżentati tal-ħaddiema u mas-sħab soċjali f'laqgħat li saru fit-3 u fid-19 ta' Novembru 2020. L-awtoritajiet Belġjani kellhom ukoll laqgħa ma' Aviato vzw, ċentru tal-impjiegi fl-Ajruport ta' Brussell għal dawk li qed ifittxu xogħol u għal min iħaddem. Aviato, bħala speċjalist fis-settur tal-avjazzjoni, ġie kkonsultat dwar l-iktar taħriġ adattat ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid biex jiġi offrut lill-ħaddiema ssensjati.

39. L-awtoritajiet reġjonali ta' Flanders, ta' Walonia u ta' Brussell huma l-promoturi ta' din l-applikazzjoni. Synerjob, l-istruttura ta' kollaborazzjoni interreġjonali għat-tliet servizzi[24] għall-impjiegi Belġjani ġġib koerenza akbar għall-azzjonijiet proposti.

[24] VDAB (servizz Flamming għall-impjiegi), Le Forem (servizz ta' Walloon għall-impjiegi) u Actiris (servizz ta' Brussell għall-impjiegi).

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

40. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Belġju nnotifika lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess korpi li jiġġestixxu u jikkontrollaw il-Fond Soċjali Ewropew f'Région de Bruxelles-Capitale/Brussels Hoofdstedelijk Gewest, Vlaams Gewest u f'Région Wallonne.

Impenji mill-Istat Membru kkonċernat

41. Il-Belġju ta l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa rigward dawn li ġejjin:

- il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-azzjonijiet proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,
- ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati,
- l-azzjonijiet proposti mhumiex se jirċievu għajnuna finanzjarja minn fondi jew minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni, u kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
- l-azzjonijiet proposti se jikkumplimentaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali,
- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

42. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027[25].

43. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u wara li kkunsidrat l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-istima tal-ispejjeż, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont ta' EUR 3 719 224, li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.

44. Id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobbilizzat l-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[26].

[25] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11.
[26] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

Atti relatati

45. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mmobbilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 3 719 224 għal-linja baġitarja rilevanti.

46. Fl-istess waqt li tadotta din il-proposta għal deċiżjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li se jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG.

2021/0109 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2020/005 BE/Swissport

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006[27], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[28], u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet bħala riżultat ta' bidliet strutturali kbar fil-mudelli tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, bħala riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika, jew bħala riżultat ta' kriżi globali finanzjarja u ekonomika ġdida, u biex tappoġġahom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[29].

(3) Fit-22 ta' Diċembru 2020, il-Belġju ssottometta applikazzjoni biex jimmobilizza l-FEG, fir-rigward tas-sensji fi Swissport fil-Belġju. Din kienet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

(4) Għalhekk jenħtieġ li l-FEG jiġi mmobbilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 3 719 224 fir-rigward tal-applikazzjoni mressqa mill-Belġju.

---

[27] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

[28] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

[29] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

(5) Sabiex jitnaqqas iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, din id-deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2021, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobbilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 3 719 224 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika mill- [*id-data tal-adozzjoni tagħha*][*].

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

[*] Id-data trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.